**MALTA**
**TRIBUNAL TA' REVIŻJONI AMMINISTRATTIVA**
**MAĠISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**

**28 ta' Frar 2023**

**Rikors Numru 69/2022**

**Concetta Baldacchino (K.I. 1056145M)**
**Antonia Scicluna (K.I. 141847M)**
**Grace Gatt (K.I. 257052M)**
**Sharon sive Sharon-Mary Caruana (K.I. 444172M)**
**Tonio Caruana (K.I. 579278M)**
**Eredi ta' Carmelo Caruana (K.I. 78644M)**
**Eredi ta' Mario Dominic Caruana (K.I. 118651M)**
**Eredi ta' Lorenza Zerafa (K.I. 316354M)**
**Eredi ta' Vincenzo Caruana (K.I. 416456M)**

**U b'digriet tas-7 ta' Novembru, 2022, l-okkju ġie korrett għal**

**Michael Baldacchino (K.I. 281486M) f'isem u għan-nom ta' ommu Concetta Baldacchino (K.I. 1056145M); Antonia Scicluna (K.I. 141847M); Grace Gatt (K.I. 257052M); Sharon sive Sharon-Mary Caruana (K.I. 444172M); Tonio Caruana (K.I. 579278M); Adrian Caruana (470271M); Mark sive Marco Caruana (180669M); Antonella Buttigieg (K.I. 565878M) f'isimha propju u f'isem ommha Luigia Caruana (K.I. 698452M) u f'isem oħtha Valerie Caruana (K.I. 158674M); Alfred Zerafa (K.I. 285251M), Anthony Zerafa (K.I. 44376M); Stefano Zerafa (500189M); Jonathan Zerafa (K.I. 328477M); Christian Caruana (572984M); Carlos Caruana (K.I. 118192M)**

**Vs**

**L-Awtorità tal-Artijiet**

**It-Tribunal,**

Ra r-rikors **tar-rikorrenti** ippreżentat fl-10 ta' Awwissu, 2022, li permezz tiegħu ppremettew u talbu s-segwenti:-

*Illi permezz tal-imsemmija ittra uffiċjali (annessa u mmarkata **Dok. 'A'**), l-Awtorità tal-Artijiet ordnat lir-rikorrenti "sabiex fi żmien tletin (30) ġurnata min-notifika ta' din l-ittra [...] tivvakaw mill-art [ċioe l-għalqa magħrufa bħala raba' "Tal-Wilġa" jew "l-Għonq", ta' Santa Luċija, Għaxaq] u filwaqt illi tneħħu kwalunkwe affarijiet jew oġġetti personali li jinsabu fuq il-post u dan jinkludi wkoll xi aċċessi [...] fuq din l-art."*

*Illi r-rikorrenti ħassewhom aggravati b'din l-ordni ta' żgumbrament u għalhekk qiegħdin jipprevalixxu rwieħhom mill-fakoltà mogħtija lilhom bil-liġi ai termini tal-Artikolu 12 tal-Kap. 573 tal-Liġijiet ta' Malta u jopponu għall-istess ordni billi d-deċiżjoni tal-Awtorità intimata hija waħda mingħajr bażi legali.*

*Illi hu evidenti mill-imsemmija ittra uffiċjali illi l-Awtorità tal-Artijiet iddeċidiet illi tordna l-iżgumbrament tar-rikorrenti, **<u>li lkoll kemm huma għandhom titolu validu fil-liġi</u>**, billi – **<u>dejjem skontha</u>** – "fuq din l-art hemm diversi żviluppi illegali u jirriżulta b'mod ċar li sar bdil fl-użu tal-art odjerna."*

*Illi r-riferenza li tagħmel l-Awtorità intimata għal numru ta' enforcement notices maħruġa mill-**<u>Awtorità tal-Ippjanar</u>** (uħud fosthom anqas biss huma marbuta mas-sit li minnu l-Awtorità tal-Artijiet qiegħda tordna l-iżgumbrament) ikompli jikkonferma illi l-Awtorità tal-Artijiet qiegħda tieħu l-pożizzjoni "li sar bdil fl-użu tal-art odjerna" biss għaliex, **<u>dejjem skontha</u>**, hemm xi strutturi mingħajr permess.*

*Illi qabel xejn, din id-deċiżjoni tal-Awtorità tal-Artijiet hi mingħajr bażi legali billi hi għal kollox kontradittorja għall-pożizzjoni li ħadet l-istess Awtorità bl-aċċettazzjoni tal-ħlas tal-qbiela dovuta fir-rigward tar-raba' hawn fuq deskritta, liema qbiela tkopri sa Lulju tas-sena 2023.*

*Illi inoltre, u mingħajr assolutament ebda preġudizzju għal dak ġja premess, jiġi rilevat illi dwar is-sit in kwistjoni r-rikorrenti ssottomettew mal-Awtorità intimata l-applikazzjoni bin-numru PLA1/2022/3083, liema applikazzjoni għadha qiegħda tiġi pproċessata (annessa u mmarkata **Dok. 'B'**). Illi għalhekk ladarba r-rikorrenti ressqu l-imsemmija applikazzjoni, kif għandhom kull dritt illi jagħmlu, sabiex jiċċaraw il-pożizzjoni tagħhom, hu minn ewl id-dinja illi dik l-applikazzjoni għandha titħalla tieħu l-kors tagħha sabiex il-partijiet ikunu f'qagħda li jirregolaw il-pożizzjoni tagħhom.*

*Illi f'kull każ, u dejjem bla ebda ħsara għall-premess, jinkombi fuq l-Awtorità intimata li qabel kollox iġġib prova ta' dak allegat minnha, ossia "li sar bdil fl-użu tal-art odjerna". Dan għaliex żgur illi mhuwiex biżżejjed illi l-Awtorità tal-Artijiet tasal għad-deċiżjoni drakonjana li waslet għaliha ta' żgumbrament billi sempliċiment tagħmel riferenza għal enforcement notices maħruġa mill-**<u>Awtorità tal-Ippjanar</u>** **(u mhux minnha)** snin ilu, aktar u aktar meta l-istess Awtorità tal-Ippjanar li snin ilu ħarġithom baqgħet qatt ma ħadet xi forma jew oħra ta' azzjoni dwar l-**allegati** illegalitajiet. Wieħed allura jistaqsi, ivverifikat l-Awtorità intimata, qabel iddeċidiet li tiżgumbra lir-rikorrenti, jekk dak kollu li ssemmi hi fl-imsemmija ittra uffiċjali verament jinsabx fuq is-sit indikat? Ivverifikat mal-Awtoritajiet l-oħra kollha kompetenti u mar-rikorrenti x'inhi l-pożizzjoni tal-istess rikorrenti qabel ma mexxiet bl-ordni ta' żgumbrament? Dwar dan kollu, l-Awtorità intimata hija tenuta li tressaq prova u r-rikorrenti għalhekk minn issa jirriżervaw li, kemm –il darba jkun meħtieġ, iqanqlu lanjanzi u sottomissjonijiet ulterjuri dwar il-mertu.*

*Għaldaqstant, għar-raġunijiet hawn fuq imfissra, ir-rikorrenti jitolbu bir-rispett li dan l-Onorabbli Tribunal jogħġbu jħassar u jirrevoka għall-finijiet u l-effetti kollha tal-liġi l-ittra uffiċjali numru 3007/22 datata 14 ta' Lulju 2022 bl-ispejjeż kontra l-Awtorità tal-Artijiet.*

Ra r-risposta **tal-Awtorità tal-Artijiet** ippreżentata fid-29 ta' Awwissu, 2022, li permezz tagħha eċċepiet is-segwenti:-

*Illi l-Awtorita' ġiet notifikata bir-rikors fl-ismijiet su-ċitati nhar it-tnax t' Awwissu 2022 u ġiet mogħtija għoxrin ġurnata ċans biex tirrispondi skont il-liġi.*

*Illi dan l-Appell qiegħed isir minn Ordni ta' Żgumbrament li nħarġet ai termini tal-Artiklu 9, senjatament is-sub Artikolu 1 (d)(iii) tal-Kapitolu 573 tal-Liġijiet ta' Malta fil-konfront tar-rikorrenti. Dik l-ordni inħarġet ukoll, u dan b' mingħajr preġudizzju għas-suespost, ai terminu tal-Artikolu 9(1)(a) fil-konfront ta' okkupanti oħra mhux magħrufa. Dik l-ordni inħarġet skont kif trid il-liġi u bil-formalitajiet kollha rekwiżiti.*

*Illi ir-rikorrenti ħassewhom aggravati minn din id-deċiżjoni u intavolaw dan l-appell, u liema qiegħed jiġi imwieġeb kif ġej;*

*Illi fl-ewwel lok, l-esponenti qiegħeda tifhem li f' dan l-istadju, ir-rikorrenti qegħdin lkoll kemm huma jagħtu ruħhom b' notifikati għall-ordni ta' żgumbrament imsemmija, u dan in vista tal-fatt li huma qegħdin iressqu dan l-appell flimkien mill-istess ordni.*

*Illi l-esponenti tibda billi tissenjala li dan l-iżgumbrament jirrelata għat-tenement J66308. Dan it-tenement kien mqabbel għal-skop agrikolu lis-Sur Antonio Caruana, u kien wara l-mewt tal-istess illi l-Awtorita irrikonoxxiet in solidum lid-defunt Carmelo Caruana, Concetta Baldacchino, Antonia Scicluna, id-defunt Mario Dominic Caruana, Grace Gatt, id-defunta Lorenza Zerafa, id-defunt Vincenzo Caruana, Sharon sive Sharon-Mary Caruana u Tonio Caruana, kollha Eredi Universali tal-gabillott oriġinali Antonio Caruana.*

*Illi kif ben spjegat fl-ordni tal-iżgumbrament "Illi l-kirja agrikola surreferita ġiet mogħtija għall-użu agrikolu iżda skont l-informazzjoni li għandha din l-Awtorita', jirriżulta illi* ***sar bdil fl-użu tal-art in kwistjoni in kwantu li din l-art qiegħda tintuża għal skopijiet oħra mhux relatati mal-agrikoltura****, u dan kif ser jiġi hawn indikat."*

*Illi l-Awtorita' waslet għall-imsemmijja konklużjoni wara li għamlet diversi verifiċi dwar dan il-fatt. B' mod preliminari jirriżulta mingħajr l-ebda ombra ta' dubju li din il-proprjeta' hija milquta minn numru konsiderevoli ta' Avviżi ta' Infurzar mill-Awtorita' ta' Ippjanar, u liema għadhom attivi sa llum il-ġurnata stess. Issir referenza fost l-oħrajn għas-segwenti; EC 49/08, EC 53/20, EC 1051/05, EC86/06, EC 87/06, EC89/06. Dawn l-Avviżi kollha kemm huma jirrellataw għas-sit in kwistjoni.*

*Illi dawn jinkludu diversi żviluppi illegali, inkluż bini bla permess u bdil fl-użu minn skop agrikolu għall-użi oħra. Jirriżulta li din l-art fost l-oħrajn tintuża għall-parkeġġ ta' 'Heavy Vehicles' u 'containers', 'open storage yard', u saħansitra 'stallel u korsa taż-żwiemel'. Kif ser jiġi spjegat, din l-informazzjoni ġiet ivverifikata mill-uffiċjali tal-Awtorita esponenti.*

*Illi għalhekk jirriżulta li d-deċiżjoni tal-Awtorita, u dan saħanistra kif indikat fl-ordni ta' żgumbrament stess ma hijiex sempliċiment ibbażata fuq il-bini ta' xi strutturi mingħajr permess, imma fuq bdil totali tal-użu tas-sit. Ma hemm l-ebda dubju li dawn l-użi msemmijja ma jikkostitwixxux użu għall-skop agrikolu.*

*Illi f' dan l-istadju issir referenza għall-ħlas tal-qbiela li ir-rikorrenti għamlu fil-konfront ta' din l-art. L-Esponenti tissenjala, li* ***kontrarjament għal dak alleggat mir-rikorrenti fir-rikors tagħhom****, hija qatt ma aċċettat il-ħlas tal-qbiela li tkopri sa' Lulju tas-sena 2023. L-Esponenti aċċettat biss il-ħlas b'lura tal-qbiela sal-14 t' Awwissu 2022, u dan kif ser jiġi ippruvat ukoll fil-mori. Tali aċċettazzjoni bl-ebda mod ma tikkontradixxi l-*

*ordni ta' żgumbrament, u ċertament ma tista' qatt tissana xi illegalita fuq is-sit.*

*Illi issir referenza wkoll għall-applikazzjoni PLA1/2022/2083 li ġiet intavolata mal-Awtorita' tal-Artijiet minn Sharon Caruana* ***fid-9 t' Awwissu 2022*** *'To sanction existing buildings on site'. L-Esponenti hawn hekk tissenjala li* ***din l-applikazzjoni ġiet intavolata pressappoco xahar wara li l-Ordni ta' Żgumbrament ġiet preżentata fir-Reġistru tal-Prim Awla tal-Qorti Ċivili, u ġimgħat wara li l-istess ġiet notifikata lill Concetta Baldacchino (25 ta' Lulju 2022), Antonia Scicluna (21 ta' Lulju 2022) u Grace Gatt (22/07/2022).*** *Dan juri li din l-applikazzjoni ma hija xejn ħlief attentat abbużiv u frivolu wara l-fatt, sabiex jiġu sanzjonati uħud mill-binijiet illegali li ittellgħu fuq il-post matul is-snin.*

*Illi din l-applikazzjoni, filfatt hija biss aplikazzjoni għall-permess da parti tal-esponenti sabiex tiġi sottomessa applikazzjoni mal-Awtorita' tal-Ippjanar. Għalhekk, din l-applikazjzoni kieku stess ma tista qatt tbiddel il-fatt jew tissanzjona l-ksur tal-kundizzjonijiet tal-kirja Agrikola. Oltre dan, din l-applikazzjoni hija fiha infisha ammissjoni ta' uħud mill-illegalitajiet li wasslu għad-deċiżjoni ta' żgumbrament. Dan ikompli jikkonferma kemm l-esponenti kienet korretta fid-deċiżjoni tagħha.*

*Illi oltre dak kollu suespost, sabiex l-esponenti waslet għad deċiżjoni tagħha, hija ħadet in konsdierazzjoni il-fatturi kollha relevanti, u dan kollu kif ser jiġi spjegat fil-mori ta' dawn il-proċeduri. Ma hemm xejn drakonjan fid-deċiżjoni tal-Awtorita', illi skont l-obbligi imposta fuqha mill-leġislatur ai termini tal-Kapitlu 563, hija assigurat li ma jibqax isiru l-abbużi hawn fuq imsemmijja fuq art li fl-aħħar mill-aħħar hija art tal-pubbliku Malti u Għawdxi. Jekk xejn l-Awtorita' kienet tkun qed tiżbalja, u saħansitra tikser il-liġi, li kieku hija, la darba saret konxja minn dawn l-illegalitajiet kollha, ma ħaditx din id-deċiżjoni ta' żgumbrament. Ċertament illi sensiela ta' illegalitajiet bħal dawn m' għandhomx jiġu premjati.*

*Illi l-allegazzjoni li xi Awtorita' governattiva oħra (senjtament l-Awtorita' tal-Ippjanar) ma ħadet l-ebda pass fid-dawl tal-illegalitajiet mill-aspetti tal-ippjanar, bl-ebda mod ma tista tinċidi fuq id-deċiżjoni tal-Awtorita' li tassigura l-aħjar interessi tal-art, qua amministrazzjoni tal-istess.*

*Illi oltre dan, l-esponenti tindika li kwalunkwe prova għandha issir minn min qed jallega. L-Esponenti fil-mori tal-proċeduri sejra tipprova u tindika il-proċess Amministrattiv adoperat minnha, u kif ukoll il-fatti*

*kollha stabiliti minnha. Madankollu, huwa fl-obbbligu tar-rikorrenti illi jippruvaw dak kollu senjalat minnhom fir-rikors tagħhom.*

*Illi l-esponenti wettqet l-obbligi kollha imposti fuqha mill-liġi, u kif ser jirriżulta hija għamlet il-verifiċi kollha neċċessarji u ikkonfermat il-preżenza tal-abbużi kollha imsemmijja fl-ordni ta' żgumbrament. Kif suspjegat, l-esponenti kienet korrettissima meta hija ħarġet l-ordni in kwistjoni, u dan anke in linea mal-obbligu legali tagħha li tassigura u tara li l- art tal-Gvern ta' Malta tiġi Amministrata bl-akbar mod assolut sabiex isir l-aħjar użu tal-istess. Ċertament illi parkeġġ ta' 'Heavy Vehicles' u 'containers', 'open storage yard', u saħansitra 'stallel u korsa taż-żwiemel' fost id-diversi abbużi l-oħra, ma jikkostitwixxux l-aħjar użu ta' art Agrikola, anzi jikkostitwixxu bdil lampanti tal-użu tal-art in kwistjoni.*

*Għaldaqstant, dan l-Onorabbli Tribunal għandu jiċħad it-talbiet kollha mressqa quddiemu mir-rikorrent appellanti, u dan bl-ispejjeż interament għall-istess rikorrent appellanti.*

Ra d-dokumenti kollha ppreżentati;

Sema' x-xhieda;

Sema' t-trattazzjoni;

Ra li r-rikors tħalla għal-lum għal sentenza.

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrenti ħassewhom aggravati b'deċiżjoni tal-Awtorita` intimata kif kontenuta f'ittra uffiċjali datata 14 ta' Lulju, 2022, li permezz tagħha ġew interpellati sabiex jiżgumbraw mill-għalqa magħrufa bħala raba' "tal-Wilġa" jew "l-Għonq", ta' Santa Luċija, Għaxaq u dan in vista li fuq l-istess art li kienet ingħatat għal użu agrikolu, kien qiegħed isir użu xort'oħra. Di piu` fl-istess ittra, l-Awtorita` intimata għamlet referenza għal numru ta' Avviżi Biex Tieqaf u ta' Twettieq fir-rigward tal-istess sit minħabba żviluppi llegali li saru mingħajr il-permess. Illi l-istess ittra ġiet indirizzata lis-segwenti persuni u ċioe`:

**Concetta Baldacchino (K.I. 1056145M)**
**Antonia Scicluna (K.I. 141847M)**
**Grace Gatt (K.I. 257052M)**
**Sharon sive Sharon-Mary Caruana (K.I. 444172M)**
**Tonio Caruana (K.I. 579278M)**

**Eredi ta' Carmelo Caruana (K.I. 78644M)**
**Eredi ta' Mario Dominic Caruana (K.I. 118651M)**
**Eredi ta' Lorenza Zerafa (K.I. 316354M)**
**Eredi ta' Vincenzo Caruana (K.I. 416456M)**
**Okkupanti oħra mhux magħrufa**

Illi mill-provi prodotti jirriżulta li dan is-sit kien oriġinarjament ingħata bi qbiela lil ċertu Antonio Caruana, u wara li ġie nieqes l-Awtorita` intimata rrikonoxxiet bħala kerrejja lis-segwenti, u ċioe`:

1. **Id-defunt Carmelo Caruana**
2. **Concetta Baldacchino**
3. **Antonia Scicluna**
4. **Id-Defunt Mario Dominic Caruana**
5. **Grace Gatt**
6. **Id-defunta Lorenza Zerafa**
7. **Id-defunt Vincenzo Caruana**
8. **Sharon sive Sharon-Mary Caruana**
9. **Tonio Caruana**

Illi wara li dan it-Tribunal ġibed l-attenzjoni tar-rikorrenti illi l-okkju tar-rikors ma kienx wieħed regolari, ir-rikorrenti pproċedew billi ppreżentaw rikors fejn talbu korrezzjoni fl-istess okkju biex dan jirrifletti l-werrieta tal-persuni li ġew nieqsa.

Illi tajjeb li jingħad però li ħadd mill-eredi tal-kerrejja defunti ma ġie rikonoxxut bħala kerrej mill-Awtorita` intimata fuq l-art in kwistjoni.

Illi jirriżulta li r-raġuni prinċipali għall-Ordni ta' Żgumbrament kif kontenuta fl-ittra uffiċjali hawn fuq ċitata hija illi fuq l-istess art saru diversi żviluppi illegali li żnaturaw l-użu tal-istess art.

Illi jirriżulta illi l-Awtorita` intimata ġiet a konoxxenza ta' żviluppi llegali fuq is-sit odjern u għalhekk ipproċediet biex tordna l-iżgumbrament tar-rikorrenti. Wara li ħarġet din l-Ordni, waħda mill-kerrejja, u ċioe` Sharon Caruana issottomettiet applikazzjoni mal-Awtorita` intimata sabiex tikseb il-kunsens tagħha sabiex isir sanzjonar ta' bini fuq is-sit u dan sabiex tkun tista' tipproċedi b'applikazzjoni f'dan is-sens mal-Awtorita` tal-Ippjanar.[1]

Illi meta l-Awtorita` intimata għamlet il-verifiki tagħha dwar dan is-sit irriżultalha li l-istess sit huwa milqut minn diversi Avviżi ta' Infurzar li

[1] Document a fol. 10

għadhom attivi, fosthom EC 49/08, EC 53/20, EC 1051/05, EC86/06, EC87/06, EC89/06 u dan kif konfermat mir-rappreżentant tal-Awtorita` ta' l-Ippjanar Ian Galea. Illi l-Awtorita` intimata esebiet kopja tal-Avviżi ta' Infurzar hawn fuq imsemmija[2], u wkoll sunt tal-istess Avviżi li jindikaw l-iżvilupp illegali li rriskontrat l-Awtorita` ta' l-Ippjanar u ċioe`:

1. *EC/00049/08 – ACTIVE CASE – Żvilupp li jikkonsisti minn bini ta' żewġ garaxxijiet mingħajr permess. Change of use. No Permission Sought.*

2. *EC/00055/20 – ACTIVE CASE – Żvilupp mingħajr permess li jikkonsisti fi:1. Bdil fl-użu tal-art minn razzett għall-open storage yard u officċini, 2. Żamma ta' vetturi, partijiet minn vetturi, materjal skrapp u materjali oħra, 3. Bini ta' struttura u ħajt tal-madwar; 4. Twaqqgħu strutturi eżistenti; waħda fil-parti ċentrali tas-sit u parti minn struttura oħra fid-daħla tas-sit; kif ukoll 5. Ġiet installata xatba tal-metall. Change of use. Scrapyards.*

3. *EC/00053/20 – ACTIVE CASE- Żvilupp mingħajr permess li jkkonsisti fi: 1. Bdil fl-użu tal-art minn razzett għall-open storage yard, fejn qed jinżammu vetturi, partijiet minn vetturi u materjal skrapp; 2. Bini ta' struttura fuq żewġ sulari; 3. Estensjoni u bini ġdid tal-ħitan tal-madwar; 4. Twaqqgħet struttura fuq wara tas-sit; kif ukoll 5. Ġiet installata xatba tal-metall. Change of Use Scrapyards.*

4. *EC/01051/05 – ACTIVE CASE – Żvilupp mingħajr permess li jikkonsisti minn bdil fl-użu materjali tal-art billi qiegħed jiġi depożitat materjal inert; containers u trakkijiet fuq art agrikola; kif ukoll tkabbir ta' bitħa ta' farm permess ta' boundary walls; u ġiebja għall-ilma. No permission sought. Agricultural.*

5. *EC/00086/06 – ACTIVE CASE – Żvilupp mingħajr permess li jikkonsisti minn bdil fl-użu materjali tal-post minn dak agrikolu għal wieħed ta' żamma ta' parking ta' vetturi kummerċjali u ta' inġenji, kif ukoll minn bini ta' ħitan, toilet u strutturi oħrajn. No Permission Sought. Industrial/Manufacturing.*

[2] Dokument GS1 a fol. 33 sa fol. 56

6. *EC/00089/06 – ACTIVE CASE – Żvilupp mingħajr permess li jikkonsisti minn bdil fl-użu materjali tal-post minn dak agrikolu għal wieħed ta' żamma u parking ta' vetturi u inġenji; kif ukoll minn bini ta' ħitan tal-madwar. No Permission Sought. Scrapyards.*

7. *EC/00087/06 – ACTIVE CASE – Żvilupp mingħajr permess li jikkonsisti minn bdil fl-użu materjali tal-art minn art agrikola għall-post fejn ġiet iffurmata korsa taż-żwiemel; kif ukoll inbnew erba' kmamar/stallel u xi strutturi oħra anċillari għall-istess użu tat-trobbija taż-żwiemel/annimali. No Permission Sought. Agricultural.*

Illi r-rikorrenti pproduċew bħala xhud lill-Perit Roderick Spiteri li spjega li qabel Lulju 2022 l-uffiċjali tal-infurzar tal-Awtorita` tal-Ippjanar kienu avviċinaw lill-klijenta tiegħu Sharon Caruana u l-familja tagħha biex iwaqqgħu ħajt u jneħħu l-*iscrap* u l-klijenti tiegħu obdew u għalhekk l-Awtorita` tal-Ippjanar ma ħaditx azzjoni. In kontro-eżami xehed illi kien konsapevoli li kien hemm numru ta' *enforcement orders.* Huwa spjega wkoll illi xi binjiet kienu pre-eżistenti għall-1967 u allura jiġu awtomatikament sanzjonati, però kien hemm ukoll xi strutturi li riedu jiġu sanzjonati.

Illi huwa ċar daqs il-kristall illi maż-żmien is-sit in kwistjoni ma baqax jintuża għall-iskop li oriġinarjament inkera, u ċioe` għal skop ta' agrikoltura. Mill-Avviżi Biex Tieqaf u ta' Twettieq esebiti mill-uffiċjal tal-Awtorita` ta' l-Ippjanar huwa bil-wisq evidenti li s-sit in kwistjoni ġie kummerċjalizzat,[3] qiegħed jintuża għal parkeġġ ta' vetturi,[4] ġiet iffurmata korsa taż-żwiemel u nbnew stallel,[5] bini ta' żewġ garaxxijiet,[6] ġie depożitat fuqu materjal innert fuq art agrikola,[7] ġie depożitat fuqu *containers* u trakkijiet u wkoll sar tkabbir ta' bitħa ta' razzett permezz ta' *boundary walls* u saret ġiebja għall-ilma,[8] ġiet mibnija binja ta' żewġ sulari u ġiet installata xatba tal-metall.[9]

Illi l-għadd ta' illegalitajiet fuq is-sit in kwistjoni huma bosta u r-rikorrenti ma ġabu ebda prova li turi l-kuntrarju. L-unika azzjoni li jidher li ttieħdet matul is-snin huwa li ġie mneħħi xi *scrap* u twaqqa' ħajt. Għajr minn hekk l-illegalitajiet l-oħra kollha riskontrati mill-Awtorita` ta' l-Ippjanar baqgħu hemm b'Ordnijiet ta' Infurzar attivi sal-ġurnata tal-lum. Illi l-

[3] Ara Dokument IG1 a fol. 163
[4] Ara Dokument IG2 a fol. 170
[5] Ara Dokument IG 3 a fol. 177
[6] Ara Dokument IG4 a fol. 184
[7] Ara Dokument IG6 a fol. 191
[8] Ara Dokument IG7 a fol. 193
[9] Ara Dokument IG10 a fol. 223

mertu tal-Ordnijiet ta' Infurzar da parti tal-Awtorita` tal-Ippjanar huma prova li l-art li oriġinarjament kienet mogħtija bi qbiela, illum il-ġurnata qiegħda sservi għal skopijiet għal kollox diversi. Illi t-Tribunal josserva wkoll l-Avviżi Biex Tieqaf u ta' Twettieq inħarġu kemm kontra persuni fiżiċi u kif ukoll kontra persuni ġuridiċi u ċioe` **Mark Tower Ladder Service**[10]**, Pada Builders Ltd.,**[11] **Mark TLS Group Ltd.**[12] Illi l-kummerċjalizzazzjoni tas-sit hija evidenti mir-ritratti annessi mal-ECF 55/20 a fol. 274 sa 277, kif del resto jirriżulta ż-żamma ta' *open storage yard* għal vetturi u partijiet minn vetturi u skrapp fir-ritratti annessi mal-ECF 53/20 a fol. 231 u 232. Illi għaldaqstant dan it-Tribunal ma jaqbilx mal-argument imressaq mir-rikorrenti fis-sottomissjonijiet finali tagħhom illi ma hemmx provi illi fil-fatt hemm l-illegalitajiet imsemmija fl-ittra uffiċjali impunjata.

Illi sussidjarjament ir-rikorrenti sostnew illi l-Awtorita` intimata ma setgħetx tipproċedi bl-iżgumbrament ladarba baqgħet tirċievi l-kera sas-sena 2022 għall-perjodu li jkopri mill-15 ta' Awwissu, 2021, sal-14 ta' Awwissu 2022 u dan kif jirriżulta mid-diversi riċevuti esebiti bħala Dokument A a fol. 141 *et sequitur*. Illi filwaqt li l-Awtorita` intimata setgħet kienet aktar kawta u waqfet tirċievi l-kera żmien qabel, anke għaliex hija u l-predeċessur tagħha kienu qedgħin regolarment jiġu notifikati b'Avviżi Biex Tieqaf u ta' Twettieq da parti tal-Awtorita` ta' l-Ippjanar, madanakollu l-aċċettazzjoni tal-kera da parti tagħha ma jista' qatt jittieħed li kienet qiegħda tirrinunzja għad-drittijiet tagħha. It-Tribunal josserva illi l-Awtorita` intimata għandha d-dmir li tieħu ħsieb l-art tal-Gvern bħala *bonus paterfamilias* u kwindi għandha d-dmir li jekk tinduna li xi art mhix qiegħda tintuża għall-iskop li għaliha nkriet trid tieħu azzjoni tempestiva. Għalkemm ma jistax jingħad li l-azzjoni ttieħdet b'mod tempestiv, madanakollu l-inerzja tal-Awtorita` u tal-predeċessur tagħha ma jistgħux b'xi mod jaġevolaw lir-rikorrenti li tħallew igawdu sit għal numru ta' snin minkejja li wettqu fih numru mhux żgħir ta' żvilupp illegali u biddlu n-natura tal-kirja.

Illi għaldaqstant dan it-Tribunal iqis li l-inqas ħaġa li l-Awtorita` setgħet tagħmel fiċ-ċirkostanzi huwa li taġixxi bil-mod kif aġixxiet, anke għaliex l-azzjonijiet li ħadet l-Awtorita` tal-Ippjanar saru wkoll fil-konfront tagħha u tal-predeċessur tagħha, l-Uffiċju Konġunt, qua sid tal-art. Illi fl-aħħarnett dan it-Tribunal ma jistax ma jesprimix it-tħassib tiegħu dwar in-nuqqas ta' infurzar li seta' kien hemm meta l-Awtorita` intimata u l-

[10] ECF 86/06 a fol. 163
[11] ECF 1055/05 a fol. 217
[12] ECF 53/20 a fol. 240 u ECF 55/20 a fol. 267

predeċessur tagħha kienu qedgħin jiġu notifikati b'daqstant żvilupp illegali fuq art agrikola u ma ttieħdu ebda passi ħlief wara ħafna snin.

Għaldaqstant, dan it-Tribunal isib li m'hemm ebda raġuni għaliex għandu jħassar u jirrevoka l-effetti tal-ittra uffiċjali numru 3007/22 datata 14 ta' Lulju, 2022.

**DECIDE**

Għaldaqstant it-Tribunal, għar-raġunijiet hawn fuq premessi, qiegħed jiċħad l-appell tar-rikorrenti u jilqa' r-risposta tal-Awtorita` intimata.

Spejjeż a karigu tar-rikorrenti *in solidum*.

**Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva**

**Antonella Cassar**
**Deputat Reġistratur**